KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 24.1.2007
KUMM(2006) 820 finali

2007/0013 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-imposti ta' l-ajruporti

(preżentata mill-Kummissjoni)

{SEG(2006) 1688}
{SEG(2006) 1689}

MT MT

MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Il-kuntest ġenerali**

Bħalissa, it-tariffi ta' l-infrastruttura ta' l-ajruporti huma rregolati fuq livell nazzjonali permezz ta' sistemi li mhumiex dejjem iġġustifikati tajjeb u t-tagħrif mogħti dwarhom jista' jkun inadegwat. L-utenti m'humiex dejjem ikkonsultati sistematikament f'kull ajruport ta' l-UE qabel ma jiġu ffissati l-imposti jew qabel ma tinbidel is-sistema ta' l-imposti. L-utenti ta' l-ajruporti normalment ma jkunux mgħarrfa dwar investimenti tal-ġejjieni fl-ajruporti u l-ħtieġa tagħhom.

It-trasportaturi bl-ajru joperaw f'ambjent ekonomiku ċikliku qawwi b'kompetizzjoni internazzjonali li żdiedet, u jiffaċċjaw sfidi esterni bħal kriżijiet internazzjonali tas-saħħa, prezzijiet tal-fjuwil volatili u kwistjonijiet ta' sikurezza. Il-katina sħiħa ta' provvista ta' l-avjazzjoni għandha ssir kemm jista' jkun kompetittiva sabiex tiżgura kompetittività kontinwa ta' l-ekonomija ta' l-UE kollha kemm hi. L-imposti ta' l-ajruporti huma ħolqa importanti f'din il-katina u jammontaw għal bejn 4% u 8% ta' l-ispiża operattiva ta' l-akbar trasportaturi bl-ajru fl-UE[1].

Il-maġġoranza ta' l-ajruporti fl-UE għadhom proprjetà pubblika u għaldaqstant l-awtoritajiet pubbliċi għandhom interess li jagħmlu l-ogħla profitt possibbli mill-operat ta' l-ajruporti. Sadanittant, in-numru ta' ajruporti privati fl-UE qiegħed jikber, u l-azzjonisti għandhom l-istess interess li jagħmlu l-ogħla profitt possibbli u jistgħu jagħmlu pressjoni fuq l-awtoritajiet pubbliċi dwar dan. L-awtoritajiet pubbliċi għandhom interess li jiffaċilitaw żidiet fl-imposti ta' l-ajruporti li jinsabu fl-istadju tat-tħejjija għall-privatizzazzjoni sabiex jiġġeneraw l-aqwa dħul mill-bejgħ ta' ajruport lil investituri privati.

Issir referenza għall-'Politika ta' l-imposti ta' l-ajruporti u tas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru'[2]. Ir-rakkomandazzjonijiet li fiha jagħrfu l-bżonn li l-kontroll ekonomiku ta' l-ajruporti jinkludi elementi bħan-nuqqas ta' diskriminazzjoni fl-applikazzjoni ta' l-imposti, l-iżgurar ta' trasparenza u konsultazzjoni, u l-istabbiliment u r-reviżjoni ta' l-istandards ta' kwalità[3]. Il-proposta tqis din il-gwida politika.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

M’hemm l-ebda dispożizzjoni eżistenti fil-qasam tal-proposta.

---

[1] Sors: L-Assoċazzjoni tal-Linji ta' l-Ajru Ewropej (AEA). Il-persentaġġ huwa influwenzat minn spejjeż operazzjonali oħra bħall–prezz tal-fjuwil tal-ġett. It-trasportaturi bl-ajru bl-irħis jistmaw persentaġġ ogħla ta' imposti ta' l-ajruporti bħala parti mill-ispiża totali tagħhom.

[2] Il-politika ta' l-ICAO dwar l-imposti ta' l-ajruporti u s-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru, is-7 Edizzjoni – 2004.

[3] Il-politika ta' l-ICAO dwar l-imposti ta' l-ajruporti u s-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru, is-7 Edizzjoni – 2004, punt 15.

- **Il-konsistenza mal-politika ta' l-avjazzjoni ċivili u l-għanijiet l-oħra ta' l-Unjoni**

It-tielet pakkett adottat mill-Kunsill fl-1992 irrappreżenta l-istadju finali fil-liberalizzazzjoni ta' l-aċċess għas-suq tat-trasport bl-ajru. Inizjattivi sussegwenti kienu mmirati li jirregolaw u jilliberaw attivitajiet anċillarji bħall-provvediment tas-servizzi tal-*groundhandling*, l-allokazzjoni ta' slotts u l-użu ta' sistemi kompjuterizzati ta' bbukkjar. Il-Komunità adottat leġiżlazzjoni ukoll fil-qasam tas-sikurezza u s-siġurtà ta' l-avjazzjoni, u indirizzat il-kwistjoni tal-ġestjoni tat-traffiku ta' l-ajru permezz ta' miżuri leġiżlattivi li joħolqu s-Sema Waħdieni.

Din il-proposta hija parti minn inizjattiva usa' li tiffoka fuq l-ajruporti u li tfittex li tippromwovi operazzjonijiet ta' l-ajruporti effiċjenti u l-aħjar użu ta' kapaċità skarsa.

L-inizjattiva taqbel ma' l-għan ewlieni ta' l-Aġenda ta' Liżbona li l-UE tibqa' ekonomija kompetittiva li timmira s-setturi dinamiċi.

2) IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenin fil-mira u l-profil ġenerali tar-rispondenti

F'seduta li saret fis-7 ta' April 2006, il-Kummissjoni kkonsultat lill-partijiet kollha interessati fl-industrija tat-trasport bl-ajru fuq id-diversi possibiltajiet sabiex titfassal leġiżlazzjoni Komunitarja dwar imposti ta' l-ajruporti.

Saru wkoll kuntatti bilaterali ma' xi wħud minn dawk interessati sabiex jitkompla l-iskambju ta' ideat.

Sintesi tat-tweġibiet u kif ġew ikkunsidrati

It-trasportaturi bl-ajru u l-ajruporti jifhmu l-ħtieġa li l-imposti ta' l-ajruporti jiġu kkontrollati fuq il-livell ta' l-UE, iżda għandhom ideat differenti ta' kif dan għandu jsir. Skond it-trasportaturi bl-ajru, teħtieġ leġiżlazzjoni sabiex tiżgura kontroll nazzjonali indipendenti, l-imposti ta' l-ajruporti għandhom ikunu konformi mal-prinċipji ta' l-ICAO u jirriflettu l-effiċjenza fin-nefqa, u hemm bżonn ukoll konsultazzjoni sistematika. It-trasportaturi bl-ajru bl-irħis u l-ajruporti jaraw anqas il-ħtieġa ta' leġiżlazzjoni Komunitarja għax iż-żieda fil-kompetizzjoni minn ajruporti sekondarji żżomm baxxi l-livelli ta' l-imposti ta' l-ajruporti.

Din l-inizjattiva tfittex toħloq bilanċ bejn iż-żewġ pożizzjonijiet ewlenin spjegati hawn fuq.

- **Il-ġbir u l-użu ta' għarfien espert**

Oqsma ta' għarfien xjentifiku/espert involuti

Sar studju sabiex jagħti analiżi kwantitattiva u kwalitattiva ta' l-impatt ta' din l-inizjattiva, biex jevalwa l-istrateġija magħżula. Dan l-istudju sar minn Ecorys.

Metodoloġija użata

Il-konsulent għamel analiżi kwalitattiva ta' l-impatti ta' l-alternattivi proposti.

Organizzazzjonijiet/esperti ewlenin ikkonsultati

Ġew ikkonsultati l-organizazzjonijiet kollha ewlenin li għandhom interess, kif ukoll trasportaturi bl-ajru individwali u ajruporti individwali fi 18-il Stat Membru. L-utenti tat-trasport u l-konsumaturi ġew ikkonsultati wkoll permezz ta' l-assoċjazzjonijiet tagħhom.

Sintesi tal-pariri miksuba u użati

Ma ssemmietx l-eżistenza ta' riskji potenzjalment serji b'konsegwenzi irriversibbli.

Il-konklużjonijiet ewlenin kienu li mill-erba' għażliet ta' politika kkontemplati u identifikati bħala l-bażi għall-istudju, l-implimentazzjoni ta' qafas ġenerali li fih prinċipji ġenerali (i.e. l-għażla 3) toffri l-aħjar potenzjal għal suċċess u biex issir bidla pożittiva kemm fil-mod li bih qed ikunu stabbiliti l-imposti ta' l-ajruporti kif ukoll fir-relazzjoni bejn l-ajruporti u t-trasportaturi bl-ajru.

Mezzi użati biex l-għarfien espert ikun disponibbli pubblikament

Is-sintesi eżekuttiva ta' l-istudju li sar minn Ecorys ġiet ippubblikata fuq il-websajt tad-DG TREN[4].

- **Il-valutazzjoni ta' l-impatt**

Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni ta' l-impatt[5].

L-alternattivi ta' politika kkunsidrati huma dawn li ġejjin: L-ewwel waħda, ta' 'l-ebda intervenzjoni mill-UE', intużat bħala punt ta' riferiment li miegħu tqabblu x-xenarji politiċi l-oħra.

It-tieni għażla kkonsistiet f'xenarju li fih il-partijiet ta' l-industrija ta' l-avjazzjoni jiżviluppaw u jadottaw miżuri volontarji awtoregolatorji li japplikaw madwar l-UE kollha, biex jindirizzaw il-problemi meqjusa miż-żewġ partijiet, jiġifieri t-trasportaturi bl-ajru u l-ajruporti, li ġejjin minn nuqqas ta' qbil u ftehim komuni bejn il-partijiet dwar kif jistgħu jindirizzaw l-aħjar l-aktar punti kontenzjużi.

It-tielet għażla kienet Att Komunitarju li jistabbilixxi qafas ġenerali li jeżiġi li l-mod kif jiġu ffissati l-imposti ta' l-ajruporti fuq livell nazzjonali jirrifletti għadd ta' prinċipji komuni li għandhom jimxu fuqhom l-operaturi ta' l-ajruporti.

L-aħħar għażla hija dwar l-introduzzjoni ta' qafas legali fl-UE li jeżiġi li l-imposti ta' l-ajruporti jkunu ffissati u miġbura fuq bażi ta' sistema regolatorja waħda li tkun tapplika madwar l-UE b'mod uniformi, u li tistabbilixxi metodu waħdieni ta' kalkolu li għandu jiġi definit.

---

4 Bl-Ingliż: http://ec.europa.eu/transport/air_portal/index_en.htm
5 SEG(2006) 1688.

3) L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sintesi ta' l-azzjoni proposta**

Il-proposta tispjega għadd ta' prinċipji bażiċi li għandhom iħarsu l-operaturi ta' l-ajruporti meta jiffissaw l-imposti ta' l-ajruporti tagħhom.

Nuqqas ta' diskriminazzjoni:

Is-sistemi ta' l-imposti m'għandhomx jagħmlu diskriminazzjoni bejn trasportaturi jew passiġġieri. Barra minn hekk, trattamenti differenti għandhom ikunu relatati ma' l-ispiża vera tal-faċilitajiet u s-servizzi pprovduti.

Il-konsultazzjoni u r-rimedju:

Il-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport u t-trasportaturi bl-ajru li jservu lill-ajruport, jew l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentawhom, għandhom jidħlu fi djalogu dwar is-sistema ta' l-imposti applikabbli f'ajruport, mhux biss meta sistema bħal din tkun immodifikata, iżda wkoll meta jiġu stabbiliti l-livelli ta' l-imposti rispettivi. L-għan ta' dan ir-rekwiżit huwa li jkun hemm skambju ta' ideat bejn iż-żewġ partijiet fuq bażi regolari dwar il-livelli ta' l-imposti, kif ukoll dwar il-fatturi kollha u r-rekwiżiti regolatorji li jinfluwenzaw kif jiġu stabbiliti.

It-trasparenza:

Id-Direttiva proposta ma tinkludix dispożizzjoniet dwar metodi ta' kalkolu ta' l-imposti li għandu japplika kull Stat Membru. Il-Kummissjoni tagħraf id-diversità kbira li teżisti fil-kontroll ta' l-ajruporti fid-diversi Stati Membri, iżda għandu jingħata ammont ta' tagħrif raġjonevoli mill-operatur lit-trasportaturi bl-ajru sabiex il-proċess ta' konsultazzjoni bejn l-ajruporti u t-trasportaturi bl-ajru jagħti l-frott. Għal dan il-għan id-Direttiva tistipula liema tagħrif għandu jagħti l-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport fuq bażi regolari.

Min-naħa tagħhom, it-trasportaturi bl-ajru għandhom jagħtu tagħrif dwar previżjonijiet tat-traffiku, l-użu intenzjonat tal-flotta u r-rekwiżiti speċifiċi attwali u tal-ġejjieni tagħhom sabiex jippermettu lill-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport iħaddem il-kapital u l-kapaċità tiegħu bl-aħjar mod.

L-istandards ta' kwalità

L-operazzjonijiet tal-linji ta' l-ajru u servizzi ta' l-ajruporti bi standards ta' kwalità baxxi jfixklu l-effiċjenza tas-sistema ta' l-ajruporti, speċjalment f'operazzjonijiet ta' tluq u trasferiment. Id-dewmien fl-imbark u l-possibbiltà sussegwenti li jintilfu s-slotts, speċjalment fis-sigħat ta' l-eqqel traffiku fl-ajruporti, huma konsegwenzi relattivament gravi. Għalhekk, iż-żewġ partijiet għandhom interess li jilħqu ftehim li jista' jissalvagwardja l-kwalità ta' servizz f'ajruport. Meta ma jintlaħaqx ftehim, kwalunkwe parti għandha tingħatalha l-possibbiltà li tirrikorri għand awtorità regolatorja indipendenti għal intervent.

Id-differenza bejn l-imposti:

L-imposti huma stipulati fuq bażi ta' kriterji fissi. Din hija differenti mit-taxxa tal-passiġġieri, li hija relatata ma' l-użu tat-terminal. F'ajruport wieħed jista' jkun hemm differenza bejn terminal u ieħor. Minħabba f'hekk il-livell u l-kwalità tas-servizzi offruti fit-terminals

differenti jistgħu jvarjaw: id-differenza fil-kwalità ta' terminal, kemm ilu mibni u l-istat ta' manutenzjoni tiegħu, tista' tkun punt ta' distinzjoni bejn il-livelli varji ta' taxxa ta' passiġġieri li trid titħallas mill-utenti ta' l-ajruport f'ajruport wieħed.

Jeħtieġ li jkun żgurat li, bħala prinċipju, kull trasportatur bl-ajru li jixtieq aċċess għat-terminal jew għal servizzi bi prezzijiet u kwalità mnaqqsa jkollu dan l-aċċess mingħajr diskriminazzjoni.

L-imposti fuq sikurezza:

Ir-Regolament (KE) 2320/2002[6] żied il-ħarsien tal-passiġġieri bl-ajru u tal-merkanzija minn azzjonijiet ta' interferenza illegali kontra t-trasport bl-ajru, stabilixxa regoli komuni fil-qasam tas-sikurezza fl-avjazzjoni u serje ta' Regolamenti ta' implimentazzjoni li stipulaw miżuri speċifiċi aħjar għall-implimentazzjoni ta' standards komuni bażiċi. Din il-leġiżlazzjoni ma tindirizzax il-finanzjament ta' miżuri ta' sikurezza.

Bħalissa fl-Ewropa hemm erba' mekkaniżmi ewlenin li jintużaw biex jiffinanzjaw attivitajiet dwar is-sikurezza ta' l-avjazzjoni: fondi minn (1) taxxi fuq sikurezza ta' l-avjazzjoni, (2) soprataxxi fuq sikurezza jew tariffi, (3) imposti fuq sikurezza ta' l-ajruporti u, b'miżura anqas, (4) għotjiet mill-Istat u sussidji. Peress li xi ajruporti fl-UE jiġbru imposti għal servizzi ta' sikurezza, dan is-suġġett għandu jaqa' fl-ambitu ta' din id-Direttiva, speċjalment minħabba l-fatt li d-differenzi sinifikanti fil-mod kif jaqa' l-piż ta' l-ispiża fuq is-sikurezza bejn ajruport u ieħor, jekk jaqax fuq l-utenti jew le, jista' jfixkel l-effett tal-kompetizzjoni.

L-awtorità regolatorja:

Hemm bżonn abbozz ta' Direttiva bi prinċipji li jridu jitħarsu mill-partijiet ewlenin fl-industrija tat-trasport bl-ajru, jiġifieri l-ajruporti u t-trasportaturi bl-ajru, li għandhom interessi diversi, biex tapplika u titħares tajjeb fuq livell ta' l-Istati Membri. Awtorità, imwaqqfa f'kull Stat Membru, bl-inkarigu li tiżgura li d-Direttiva tkun applikata kif suppost, għandha tkun garanzija tajba sabiex jitħarsu d-dispożizzjonijiet.

- **Il-bażi legali**

L-abbozz tad-Direttiva huwa bbażat fuq l-Artikolu 80(2) tat-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika safejn il-proposta ma taqax fil-kompetenza esklussiva tal-Komunità.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri għar-raġunijiet li ġejjin.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu tajjeb minn kull Stat Membru għalih għax is-sistemi ta' l-imposti ta' l-ajruporti u l-mod kif jiġu stabbiliti f'ajruporti individwali mhumiex ikkontrollati b'mod uniformi madwar l-UE. Għad hemm sistemi diversi ta' imposti fl-Istati

[6] ĠU L 355 tat-30.12.2002.

Membri. Din is-sitwazzjoni ma tħallix lok għal pjattaforma fuq l-istess livell kemm għall-ajruporti kif ukoll għat-trasportaturi bl-ajru.

Azzjoni komunitarja se twettaq aħjar l-għanijiet tal-proposta għar-raġunijiet li ġejjin:

Li jiġu applikati madwar l-UE sensiela ta' regoli bażiċi komuni dwar imposti ta' l-ajruporti għandu jiżgura andament ġust bejn il-partijiet fid-definizzjoni tal-parametri għall-użu ta' l-infrastruttura ta' l-ajruporti.

Jeżistu sistemi diversi ta' imposti fl-Istati Membri. Mhux is-sistemi kollha jinkludu prinċipji fundamentali applikati b'mod uniformi meta jiġu stipulati l-imposti ta' l-ajruporti u l-metodu bażiku ta' kalkolu. Id-Direttiva proposta għandha twassal għal din l-applikazzjoni.

Il-proposta hija limitata għal definizzjoni ta' regoli minimi li l-Istati Membri u/jew l-operaturi ta' l-ajruporti għandhom iħarsu meta jiffissaw il-livelli ta' l-imposti ta' l-ajruporti. Id-Direttiva proposta ma timponix sistema ta' imposti partikulari. Id-definizzjoni ta' din is-sistema tibqa' f'idejn l-Istati Membri.

Il-proposta għaldaqstant tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Din il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

Id-Direttiva proposta tħalli lok għat-tfassil ta' qafas bażiku għall-imposti ta' l-ajruporti fuq livell nazzjonali, waqt li żżomm il-flessibiltà biex l-ajruporti jistabbilixxu l-imposti tagħhom. Id-Direttiva tiżgura li l-utenti ta' ajruporti jkollhom ġustifikazzjoni iżjed ċara għall-imposti.

Il-piż amministrattiv għall-Istati Membri u għall-awtoritajiet reġjonali involuti fil-proċess tal-ħolqien ta' qafas regolatorju ser ikun limitat biss għal li jkollhom jirrevedu l-leġiżlazzjoni eżistenti tagħhom skond id-Direttiva, jekk il-leġiżlazzjoni tagħhom ma tkunx konformi mal-prinċipji bażiċi stipulati fid-Direttiva.

- **L-għażla ta’ l-istrumenti**

L-istrumenti proposti: direttiva.

Mezzi oħra ma jkunux adattati għar-raġunijiet li ġejjin.

Direttiva hija l-aktar mod adattat biex jirregola l-imposti ta' l-ajruporti għaliex tistipula prinċipji ċari iżda bażiċi dwar imposti ta' l-ajruporti li jridu jitħarsu mill-operaturi ta' l-ajruporti fl-applikazzjoni u fil-ġbir ta' l-imposti tagħhom. Meta d-Direttiva tgħaddi għal-liġi nazzjonali f'kull Stat Membru, din ta' l-aħħar tkun tista' tikkunsidra, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, is-sitwazzjoni speċifika ta' l-ajruporti f'dak l-Istat Membru, dejjem sakemm id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva jiġu applikati bis-sħiħ.

4) L-IMPLIKAZZJONI GĦALL-BAĠIT

Din il-proposta m’għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Komunità.

5) INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

- **Tabella ta' korrelazzjoni**

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva, kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

- **Iż-Żona Ekonomika Ewropea**

Din il-proposta tolqot kwistjoni rilevanti għaż-ŻEE, u għalhekk għandha testendi għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

2007/0013 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-imposti ta' l-ajruporti

(Test b'relevanza għall–EEA)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni[7],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[8],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[9],

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat[10],

Billi:

(1) Il-kompitu ewlieni u l-attività kummerċjali primarja ta' l-ajruporti huma li jiżguraw it-trattament ta' l-inġenji ta' l-ajru, mil-landjar sat-tluq, u tal-passiġġieri u l-merkanzija, sabiex iħallu lill-operaturi ta' l-ajru jipprovdu s-servizzi tagħhom tat-trasport bl-ajru. Għal dan il-għan, l-ajruporti joffru għadd ta' faċilitajiet u servizzi relatati ma' l-operat ta' l-inġenji ta' l-ajru u l-ipproċessar tal-passiġġieri u l-merkanzija, li l-ispejjeż tagħhom ġeneralment jirkuprawhom permezz ta' imposti ta' l-ajruporti.

(2) Jeħtieġ li jiġi stabbilit qafas komuni li jirregola l-karatteristiċi essenzjali ta' l-imposti ta' l-ajruporti u l-mod li bih jiġu stabbiliti, minħabba li, fin-nuqqas ta' qafas bħal dan, ir-rekwiżiti bażiċi fir-relazzjoni bejn il-korpi tal-ġestjoni ta' l-ajruporti u l-utenti ta' l-ajruporti jistgħu ma jiġux rispettati.

(3) Din id-Direttiva għandha tapplika għal ajruporti li jinsabu fit-territorju tal-Komunità u li jisbqu daqs minimu, minħabba li l-ġestjoni u l-finanzjament ta' ajruporti żgħar ma jirrikjedux l-applikazzjoni ta' qafas Komunitarju.

---

7 ĠU C, p.
8 ĠU C, p.
9 ĠU C, p.
10 ĠU C, p.

(4) Il-ġbir ta' l-imposti fir-rigward tal-fornimanet ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u ta' *groundhandling* diġà ġie ttrattat fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1794/2006 tas-6 ta' Diċembru 2006 u fid-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE tal-15 ta' Ottubru 1996, rispettivament.

(5) L-imposti ta' l-ajruporti għandhom ikunu ħielsa mid-diskriminazzjoni. Għandha tiġi stabbilita proċedura obbligatorja għall-konsultazzjoni regolari bejn il-korpi tal-ġestjoni ta' l-ajruporti u l-utenti ta' l-ajruporti, bil-possibbiltà lil kull waħda mill-partijiet li tirrikorri għand awtorità regolatorja indipendenti kulmeta l-utenti ta' l-ajruporti ma jaqblux ma' deċiżjoni dwar l-imposti ta' l-ajruporti jew ma' modifika tas-sistema tal-ġbir.

(6) F'kull Stat Membru għandha titwaqqaf awtorità regolatorja indipendenti b'tali mod li tiżgura l-imparzjalità tad-deċiżjonijiet tagħha u l-applikazzjoni sewwa u effikaċi ta' din id-Direttiva. L-awtorità għandu jkollha l-pussess tar-riżorsi kollha meħtieġa, fir-rigward ta' l-għadd tal-persunal, l-għarfien espert, u l-mezzi finanzjarji għat-twettiq tax-xogħol tagħha.

(7) Huwa ta' importanza vitali għall-utenti ta' l-ajruporti li, mingħand il-korp ta' ġestjoni ta' l-ajruport, fuq bażi regolari jiksbu t-tagħrif dwar kif u fuq liema bażi jiġu kkalkolati l-imposti ta' l-ajruporti. Lill-operaturi tat-trasport bl-ajru, trasparenza tali sejra tippermettilhom jifhmu l-ispejjeż li jkun ġarrab l-ajruport u l-produttività ta' l-investimenti ta' ajruport. Sabiex korp tal-ġestjoni ta' ajruport ikun jista' jivvaluta sewwa r-rekwiżiti rigward l-investimenti tal-ġejjieni tiegħu, l-utenti ta' l-ajruport għandhom ikunu obbligati jaqsmu f'waqthom mal-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport it-tbassir operattiv, il-proġetti ta' żvilupp u t-talbiet u x-xewqat speċifiċi tagħhom.

(8) L-ajruporti għandhom jinfurmaw lill-utenti ta' l-ajruporti dwar proġetti kbar ta' l-infrastruttura, minħabba li dawn ikollhom impatt sinifikanti fuq il-livell ta' l-imposti ta' l-ajruporti. It-tali informazzjoni għandha tingħata sabiex ikun jista' jsir il-monitoraġġ ta' l-ispejjeż infrastrutturali, u bil-għan li fl-ajruport ikkonċernat jingħataw faċilitajiet adegwati u ta' spiża effiċjenti.

(9) Minħabba d-dehra fis-suq ta' operaturi ta' l-ajru li joperaw servizzi tat-trasport bl-ajru bl-irħis, l-ajruporti moqdija minn dawn l-operaturi għandhom ikunu jistgħu japplikaw imposti li jikkorrispondu għall-infrastruttura u/jew il-livell ta' servizz ipprovdut, ladarba l-operaturi ta' l-ajru għandhom interess leġittimu jirrikjedu mill-ajrupot servizzi li jikkorisspondu mal-proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità. Madankollu, l-aċċess għal livell imnaqqas tali ta' infrastruttura jew servizzi għandu jkun miftuħ għall-operturi kollha li jkunu jixtiequ jagħmlu użu minnu, fuq bażi ħielsa mid-diskriminazzjoni. Jekk id-domanda tisboq l-offerta, l-aċċess jeħtieġlu jiġi ddeterminat abbażi ta' kriterji oġġettivi u ħielsa mid-diskriminazzjoni, li għandu jiżviluppahom korp tal-ġestjoni ta' ajruport.

(10) Minħabba li fil-Komunità hemm metodi differenti għall-istabbiliment u l-ġbir ta' l-ammonti dovuti biex ikopru l-ispejjeż tas-sikurezza, jeħtieġ li jkun hemm armonizzazzjoni tal-bażijiet għall-imposti biex ikopru l-ispejjeż tas-sikurezza fl-ajruporti tal-Komunità fejn l-ispejjeż tas-sigurtà jkunu riflessi fl-imposti ta' l-ajruporti. F'dawn l-ajruporti, l-imposta għandha tkun relatata ma' l-ispiża għall-provvista tas-sikurezza, fejn jitqiesu kwalunkwe finanzjament pubbliku għall-ispejjeż tas-sikurezza.

(11) L-utenti ta' l-ajruporti għandu jkollhom id-dritt għal livell minimu ta' servizz bi tpattija għall-imposti li jħallsu. Biex dan jiżgurawh, il-livell ta' servizz għandu jkun is-suġġett ta' ftehimiet, li għandhom jiġu konklużi f'intervalli regolari, bejn il-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport u l-assoċjazzjoni(jiet) li tirrappreżenta/jirrappreżentaw lill-utenti ta' l-ajruport f'dak l-ajruport.

(12) Din id-Direttiva hija mingħajr ħsara għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, b'mod partikolari l-Artikoli 81 sa 89 tiegħu.

(13) Minħabba li l-għanijiet ta' l-azzjoni ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri, ġaladarba fil-livell tagħhom is-sistemi ta' l-imposti ta' l-ajruporti ma jistgħux jiġu implimentati b'uniformità fil-Komunità kollha, u li dawn l-għanijiet, għaldaqstant, minħabba l-iskala u l-effetti ta' l-azzjoni, jistgħu jintlaħqu aħjar fuq il-livell tal-Komunità, din ta' l-aħħar tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipji tas-sussidjarjetà kif stipulati fl-Artikolu 5 tat-Trattat. B'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stipulat fl-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Is-suġġett

1. Din id-Direttiva tistabilixxi prinċipji komuni għall-ġbir ta' imposti ta' l-ajruporti tal-Komunità.

2. Din id-Direttiva tapplika għal kull ajruport f'territorju suġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u miftuħ għal traffiku kummerċjali liema traffiku annwali tiegħu jisboq miljun moviment ta' passiġġieri jew 25000 tunnellata ta' merkanzija.

Din id-Direttiva ma tapplikax għall-imposti miġbura bħala ħlas għal servizzi ta' navigazzjoni ta' l-ajru tul it-titjira jew fit-terminals skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1794/2006[11] li jistipula skema komuni għall-imposti fuq servizzi ta' navigazzjoni ta' l-ajru, jew għall-imposti miġbura bħala ħlas għal servizzi ta' *groundhandling* imsemmija fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE dwar aċċess għas-suq tal-*groundhandling* fl-ajruporti tal-Komunità[12].

Din id-Direttiva hija bla preġudizzju għad-dritt ta' kull Stat Membru li japplika miżuri regolatorji addizzjonali li ma humiex inkompatibbli ma' din id-Direttiva jew ma' dispożizzjonijiet rilevanti oħra tal-liġi tal-Komunità dwar kwalunkwe korp tal-ġestjoni ta' l-ajruporti mwaqqaf fit-territorju tiegħu. B'mod partikulari, dan jista' jinkludi l-approvazzjoni ta' sistema ta' imposti u/jew il-livell ta' imposti ibbażat fuq liġi tal-kompetizzjoni.

11 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1794/2006 tas-6 ta' Diċembru 2006 – ĠU L 341 tas-7.12.2006.
12 Id-Direttiva tal-Kunsill Nru. 96/67/KE ta' l-15 ta' Ottubru 1996 - ĠU L 272, tal-25.10.1996.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta’ din id-Direttiva

(a) 'ajruport' tfisser kull medda ta' art speċjalment adattata għall-inżul, tluq u manuvri ta' inġenji ta' l-ajru, inklużi l-istallazzjonijiet anċillarji li dawn l-operazzjonijiet jistgħu jinvolvu għall-ħtiġijiet tat-traffiku u servizzi ta' l-inġenji ta' l-ajru inklużi l-istallazzjonijiet meħtieġa biex jgħinu servizzi kummerċjali ta' l-ajru;

(b) 'korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport' tfisser korp li, flimkien ma' attivitajiet oħra jew le skond il-każ, għandu bħala l-għanijiet tiegħu skond il-liġijiet jew regolamenti nazzjonali li jamministra u jiġġestixxi l-infrastrutturi ta' l-ajruport, u l-koordinazzjoni u l-kontroll ta' l-attivitjiet ta' l-operaturi differenti preżenti fl-ajruporti konċernati;

(c) 'utent ta' l-ajruport' tfisser kull persuna naturali jew legali responsabbli għall-ġarr ta' passiġġieri, posta u/jew merkanzija bl-ajru minn, jew għall-ajruport konċernat;

(d) 'imposta ta' l-ajruporti' tfisser tariffa miġbura għall-benefiċċju tal-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport u mħallsa minn dak li juża l-ajruport u/jew passiġġieri bl-ajru bi skop li jirkupra n-nefqa kollha, jew parti minna, fuq faċiltajiet u servizzi li huma esklussivament provduti mill-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport u li huma relatati ma' nżul, tluq, tidwil u parking ta' inġenji ta' l-ajru u pproċessar tal-passiġġiera u l-merkanzija;

(e) 'imposta fuq sikurezza' tfisser tariffa li hi ddisinjata speċifikament biex tirkupa parti minn jew l-ispiża ta' miżuri ta' sikurezza intenzjonati biex jipproteġu l-avjazzjoni ċivili minn atti ta' interferenza illegali.

Artikolu 3

Nuqqas ta' diskriminazzjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imposti ta' l-ajruporti ma jiddiskriminawx bejn utenti ta' l-ajruport jew passiġġieri bl-ajru.

Artikolu 4

Konsultazzjoni u rimedju

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li f'kull ajruport tiġi stabilita proċedura obbligatorja u regolari għal konsultazzjoni bejn il-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport u utenti ta' l-ajruport jew rappreżentanti ta' utenti ta' l-ajruport fir-rigward tat-tħaddim tas-sistema ta' imposti ta' l-ajruporti u l-livell ta' dawn l-imposti. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom jiġu organizzati ta' lanqas darba fis-sena.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn possibbli, tibdil fis-sistema ta' l-imposti ta' l-ajruporti jew fil-livell ta' l-impost isir bi ftehim bejn il-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport u utenti ta' l-ajruport. Il-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport għandu, għal dan l-iskop, jissottometti kwalunkwe proposta għal tibdil fis-sistema ta' imposti ta' l-ajruporti jew tal-livell ta' imposti ta' l-ajruporti lill-utenti ta' l-ajruport mhux iktar tard minn 4 xhur qabel ma dawn jidħlu fis-seħħ, flimkien mar-raġunijiet għall-bidliet proposti. Fuq talba ta' kwalunkwe utent ta' l-ajruport, il-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport għandu jagħmel konsultazzjonijiet fuq il-bidliet proposti ma' utenti ta' l-ajruport u jqis il-kontribut tagħhom qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali. Il-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport għandu jippubblika d-deċiżjoni finali tiegħu mhux aktar tard minn xahrejn qabel ma tidħol fis-seħħ. Il-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport għandu jiġġustifika d-deċiżjoni tiegħu rigward il-kummenti ta' utenti ta' l-ajruport fil-każ li ma jintlaħaqx qbil fuq il-bidliet proposti bejn il-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport u utenti ta' l-ajruport.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każ ta' nuqqas ta' qbil fuq deċiżjoni dwar imposti ta' l-ajruporti, kwalunkwe parti tista' tirrikorri għall-intervent ta' l-awtorità regolatorja indipendenti li għandha teżamina l-ġustifikazzjonijiet għat-tibdil tas-sistema ta' imposti ta' l-ajruport jew il-livell ta' imposti ta' l-ajruporti.

Artikolu 5

It-trasparenza

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport jipprovdi lil kull min juża l-ajruport, jew ir-rappreżentanti jew assoċjazzjonijiet ta' utenti ta' l-ajruport, b'tagħrif darba fis-sena dwar il-komponenti tal-bażi li fuqha jkun stipulat il-livell ta' kull imposta miġbura fl-ajruport. Dan it-tagħrif irid ikun fih mill-anqas:

(a) lista tad-diversi servizzi u infrastruttura pprovduta għall-imposta miġbura;

(b) il-metodu ta' kalkulazzjoni ta' l-imposti;

(c) l-istruttura kumplessiva ta' l-ispiża ta' l-ajruport;

(d) id-dħul u l-ispiża ta' kull kategorija ta' imposta miġbura fl-ajruport;

(e) l-għadd totali ta' persuni impjegat fuq servizzi li jikkaġunaw il-ġbir ta' l-imposti;

(f) previżjonijiet tas-sitwazzjoni fl-ajruport rigward l-imposti, iż-żieda fit-traffiku u kwalunkwe investiment propost;

(g) l-użu reali ta' l-infrastruttura u t-tagħmir ta' l-ajruport matul perijodu stipulat;

(h) il-produttività ta' l-investimenti f'termini ta' l-effetti tagħhom fuq il-kapaċità u l-kwalità tas-servizzi pprovduti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li utenti ta' l-ajruporti jissottomettu tagħrif lill-korp tal-ġestjoni fuq bażi regolari, partikolarment dwar:

(a) previżjonijiet dwar traffiku;

(b) previżjonijiet dwar kif inhi magħmula u ser tiġi wżata l-flotta tagħhom;

(c) il-proġetti ta' żvilupp tagħhom fl-ajruport ikkonċernat;

(d) ir-rekwiżiti tagħhom fl-ajruport ikkonċernat.

3. It-tagħrif ipprovdut abbażi ta' dan l-artikolu għandu jitqies bħala kunfidenzjali u ttrattat kif xieraq.

Artikolu 6

L-infrastruttura ġdida

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport jikkonsulta ma' utenti ta' l-ajruport qabel ma jiġu ffinalizzati proġetti infrastrutturali ġodda.

Artikolu 7

L-istandards ta' kwalità

1. Sabiex ikun żgurat it-tħaddim bla xkiel u effiċjenti f'ajruport, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport u l-assoċjazzjoni jew assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw lil utenti ta' l-ajruport f'dak l-ajruport jibdew negozjati bi l-għan li jikkonkludu ftehim dwar livell ta' servizz rigward il-kwalità ta' servizz ipprovdut fit-terminal jew terminals ta' l-ajruport, u l-eżattezza u l-puntwalità tat-tagħrif ipprovdut minn utenti ta' l-ajruport fuq il-ħidmiet tagħhom imbassra li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 5(2), sabiex jippermettu li l-ajruport jilħaq l-obbligazzjonijiet tiegħu. Ftehim bħal dan għandu jiġi konkluż ta' lanqas darba kull sentejn u jiġi nnotifikat lill-awtorità regolatorja indipendenti ta' kull Stat Membru.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fl-eventwalità li ma jintlaħaqx ftehim dwar livelli ta' servizz, kwalunkwe parti tista' tirrikorri għall-intervent ta' l-awtorità regolatorja indipendenti.

Artikolu 8

Id-differenzjar bejn l-imposti

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu lill-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport li jvarja il-kwalità u l-iskop tas-servizzi partikulari ta' l-ajruport, terminals jew partijiet mit-terminals, bil-għan li jipprovdu servizzi speċjalizzati jew terminal, jew parti minnu, iddedikat. Il-livell ta' imposti ta' l-ajruporti jista' jvarja skond il-kwalità u l-iskop ta' dawk is-servizzi.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe utent ta' l-ajruport li jkun jixtieq jagħmel użu mis-servizzi speċjalizzati jew it-terminal jew parti mit-terminal iddedikat, għandu jkollu aċċess għal dawn is-servizzi u t-terminal jew parti mit-terminal.

Fil-każ li jkun hemm iktar utenti li jixtiequ li jkollhom aċċess għas-servizzi speċjalizzati/jew terminal jew parti minn terminal iddedikat, ikun possibbli, minħabba restrizzjonijiet ta' kapaċità, li l-aċċess ikun determinat abbażi ta' kriterji rilevanti, oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji.

Artikolu 9

L-imposti fuq sikurezza

L-imposti fuq sikurezza għandhom jintużaw esklussivament biex ikopru l-ispejjeż tas-sikurezza. Dawn l-ispejjeż għandhom ikunu stabbiliti permezz tal-prinċipji ta' l-kontabilità u l-evalwazzjoni aċċettati b'mod ġenerali f'kull Stat Membru. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jitqiesu:

– l-ispiża tal-finanzjament tal-faċilitajiet u l-istallazzjonijiet iddedikati għal ħidmiet ta' sikurezza li jinkludu deprezzament ġust fil-valur ta' dawn il-faċilitajiet u l-istallazzjonijiet;

– in-nefqa fuq il-persunal u l-operazzjonijiet tas-sikurezza;

– l-għotjiet u s-sussidji allokati mill-awtoritajiet għal skopijiet ta' sikurezza.

Artikolu 10

L-awtorità regolatorja indipendenti

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw jew iwaqqfu korp indipendenti bħala l-awtorità regolatorja indipendenti nazzjonali tagħhom sabiex tiżgura l-applikazzjoni kif suppost tal-miżuri meħuda b'konformità mad-Direttiva u tassumi d-doveri msemmija taħt l-Artikoli 4 u 7. Dan il-korp jista' jkun l-istess entità li l-Istat Membru taħtar sabiex jħares l-applikazzjoni tal-miżuri regolatorji addizzjonali msemmija fl-Artikolu 1.2, kif ukoll l-approvazzjoni tas-sistema ta' imposti u/jew tal-livell ta' l-imposti, sakemm tikkonforma mar-rekwiżiti f'paragrafu 2.

2. L-Istati Membri għandhom jiggarantixxu l-indipendenza ta' l-awtorità regolatorja indipendenti billi jiżguraw li hija distinta legalment minn u tiffunzjona indipendentament minn kwalunke korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport u trasportatur bl-ajru. L-Istati Membri li jżommu s-sjieda jew il-kontroll ta' l-ajruporti, korpi li jmexxu l-ajruporti jew trasportaturi bl-ajru għandhom jiżguraw is-separazzjoni strutturali effettiva tal-funzjonijiet regolatorji mill-attivitajiet assoċjati mal-proprjetà jew il-kontroll. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji jeżerċitaw is-setgħat tagħhom b'mod imparzjali u trasparenti.

3. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-isem u l-indirizz ta' l-awtorità regolatorja indipendenti, bix-xogħol u r-responsabilitajiet mogħtija lilhom, u bil-miżuri meħuda biex tkun żgurata konformità mal-paragrafu 2.

4. Kull meta korp tal-ġestjoni ta' ajruport jew utent ta' ajruport jkollu lment dwar kull materja fl-ambitu ta' din id-Direttiva, jista' jirreferi l-ilment lill-awtorità regolatorja

indipendenti li, billi taġixxi bħala awtorità għar-riżoluzzjoni ta' tilwim, għandha tagħti deċiżjoni fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-ilment. L-awtorià regolatorja indipendenti għanha d-dritt li titlob lill-partijiet it-tagħrif meħtieġ għat-teħid tad-deċiżjoni. Id-deċiżjoniet ta' l-awtorità regolatorja għandhom ikunu vinkolanti.

5. L-awtorità regolatorja indipendenti għandha tippubblika rapport annwali dwar l-attivitajiet tagħha.

Artikolu 11

Rapportar u reviżjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operat ta' din id-Direttiva mhux aktar tard minn 4 snin wara li tidħol fis-seħħ kif ukoll, meta jkun xieraq, kwalunkwe proposta xierqa.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, partikolarment fir-rigward tal-ġbir ta' tagħrif għar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1.

Artikolu 12

L-implimentazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard minn sena u nofs mid-data tal-publikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.* Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bit-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-leġiżlazzjoni domestika li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 13

Id-dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew *Il-President*	*Għall-Kunsill* *Il-President*